# Ġrajja ta' żewġ kwadri

*kitba ta'* PAWLU MIZZI

Dan l-aħħar laqtuni żewġ kwadri antiki. Fir-raffigurazzjonijiet tagħhom identiċi. Wieħed aktarx kopja ta' l-ieħor. Wieħed intestat "L-Arċipriet Saver Cassar",[1] u l-ieħor "L-Arċidjaknu Ubaldesco De Piro".[2] U ma stajtx ma nikkummmentax. L-aktar minħabba l-konnessjoni tat-tnejn ma' San Ġorġ. Fit-tnejn il-figura hija ta' ekklessjajstiku liebes abiti korali b'salib pettorali mdendel ġo lazz minn għonqu, imġenneb fuq ix-xellug u b'manuskritt miftuħ arbulat fuq leġiju u b'idejh mistrieħa fuqu donnu f'att ta' manifestazzjoni ta' xi dokument importanti.

Kwadri ta' personalitajiet bħal dawn ma jistgħux ma jqajmux interess. L-aktar minħabba l-konnessjoni tagħhom ma' l-istorja ta' ġensna. Minnu li stħarriġ dwarhom ftit li xejn għadu sar. U għajr għal xi artikoletti jew referenzi f'kitbiet pubblikati ftit li xejn jidher li nkiteb fit-tul dwarhom. Hjiel ta' ħidmiethom, iżda, ma jistax ikun li m'hemmx fl-arkivji ta' l-Universitas kemm f'Malta u kemm f'Għawdex.

L-arkivju privat tal-Baruni Nicholas de Piro[3] fih, wieħed jista' jgħid, l-istorja kollha tal-Arċidjaknu de Piro. Kitbiet pubblikati fuqu jew fuq niesu saru minn John Montalto fil-ktieb tiegħu *The Nobles of Malta 1530-1798*, (Malta, 1979), u minn Charles A. Gauci fl-opra tassew sabiħa tiegħu *The Genealogy and Heraldry of the Noble Families of Malta* (Malta, 1992). Anne Monserrat ukoll fil-pubblikazzjoni *The Treasures of Malta*, 1997 vol.3, għandha artiklu ferm informattiv fuq "The painting of Our Lady of Souls" u artiklu qasir ieħor miktub minni stess fuq "Giovanni Gourgion" fil-ktejjeb *The Tower of Gourgion* jista' wkoll ikun ta' ħtieġa għal min jixtieq ikun jaf aktar fuq il-familja Gourgion.

Fuq l-Arċipriet Cassar forsi nkiteb anqas. U dan aktarx minħabba l-apatija u n-nuqqas ta' interess dwaru. Ħasra li l-istħarriġ mibdi b'tant serjetà fuq ħidmietu madwar 30 sena ilu minn Ġorġ Scicluna ma sab lil ħadd min ikomplih. Fl-Archivio di Stato di Napoli teżisti ġabra ta' korrispondenza tiegħu, relazzjonijiet li hu kien bagħat lir-Re taż-Żewġ Sqallijiet f'Napli. U barra minn dawn jeżistu 'l hemm u 'l hawn f'arkivji pubbliċi u privati xi rapporti jew noti oħra tiegħu. Xi snin ilu kien ġie f'idejja r-rapport li hu kien ħejja fuq l-attività tal-kunsill tiegħu tul il-ħakma tal-Franċiżi.



*Il-kwadru ta' "L-Arċipriet Saver Cassar". Facsimile mill-ktieb* Religion and Politics in a Crown Colony *ta' Rev Joseph Bezzina*

Ir-Rev. F. Caruana Dingli fil-Galleria Maltese, kompendju bijografiku ta' nies magħrufa li għadu manuskritt, jinkludi bijografija qasira tiegħu.[4] Iżda la P.P.Castagna u lanqas R. Mifsud Bonnici ma daħħluh fil-lista ta' personalitajiet famużi. Achille Ferris fid-*Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo* (Malta, 1866) jagħti tagħrif ħafif fuqu fil-lista ta' arċiprieti tal-Knisja Matriċi. U Leonardo Viviani fl-opra tiegħu fi tliet volumi *Storia di Malta* (Torino 1933) jagħtih xi ftit importanza minħabba x-xejra tiegħu pro-Naplitana. Aktar, iżda, jidher li jippreferi jeloġja lill-Avukat Francesco Pace, bħala Maggiore di Infanteria jew kif isejjaħlu hu l-Kmandant tal-gżira, milli lill-Arċipriet Cassar.[5]

Barra minn hekk xi riferenzi fuqu ma ngħidx li m'hemmx f'kitbiet ta' storja ġenerali. Fost dawn fi *Storja ta' Malta*, vol. II (Malta 1979), tal-Prof. A. Vella, *Religion and Politics in a Crown Colony: The Gozo-Malta Story 1798-1864* (Malta 1983), ta' Rev.



Lorenzo Ubaldesco de Piro who set up the Budach entail as shown

*Il-kwadru ta' "L-Arċidjaknu Ubaldesco de Piro". Facsimile mill-ktieb* The Nobles of Malta *ta' John Montalto*

Joseph Bezzina, *Maż-Żewġ Ħitan tas-Swar* vol: II (Malta 1980) u *The French in Malta* (Malta 1998) it-tnejn ta' Carmelo Testa. U dan l-aħħar *The French in Gozo* (Malta 1998) ta' Joe Debono.

*Il-manija tar-ritratti fil-familji għonja*

Tul l-ewwel nofs tas-seklu tmintax kienet il-manija tal-familji għonja li jkollhom minn dawn il-kwadri. U kważi kull nobbli kellu ritratt tiegħu mdendel f'xi post prominenti tal-palazz tiegħu. Il-kwadru kien donnu t-timbru ta' l-istatus soċjali fil-familja. Kien parti minn kult ta' l-antenati, meqjum daqs masulew f'ċimiteru l-aktar fost in-nobbli fejn il-fundatur tal-familja kien miżmum b'ċerta adulazzjoni. U, sew jekk kien ikun jokkupa xi kariga għolja mal-Gvern u sew jekk ikun membru għoli fil-ġerarkija tal-Knisja, ir-ritratt tiegħu mal-ħajt kien garanzija ta' immortalità u ġieħ.[6]

Ġeneralment, kwadri bħal dawn kien jintwirtu minn familja għall-familja, parti mill-primaġenitura. Il-wild il-kbir li jkun raġel kien ikollu dritt għat-titlu nobiljarju, għal ġid marbut miegħu u għal kulma kien ikun hemm fil-palazz mill-bieb 'l ġewwa. Fost l-aktar ħwejjeġ ta' għożża kien hemm dawn ir-ritratti.

Minħabba f'hekk il-pittur kellu joħloq għalihom xi għamla ta' identifikazzjoni.[7] Kien hemm lil min kien ipoġġilu skroll f'idu u lil min xi simblu allegoriku ta' ħidmietu ħdejh. Flok skroll ġie li poġġielu ktieb jew manuskritt b'kitba fuqha. Ħafna drabi fuq l-iskroll kien ikun hemm isem il-persunaġġ jew xi test bil-latin li jirriferi għalih.

Hekk, per eżempju, Camilla Cagnani li waqqfet bi flusha il-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt tidher iżżomm f'idejha il-leminija d-digriet papali;[8] waqt li Le Brun, li kien mastru taż-Żekka, qiegħed juri b'idu stampa ta' żekka.[9] Fil-knisja ta' Kerċem hemm ir-ritratt ta' Dun Salv Bondì[10] kontemporanju ta' l-Arċipriet Cassar. Dan, barra li fuq sidru għandu s-salib pettorali, qed juri b'idu pjanta tal-knisja li hu stess kien ħażżeż.

*L-ekwivoku f'dawn iż-żewġ ritratti*

Mhix l-intenzjoni tiegħi li nqabbad l-irwiefen tal-kontroversja fuq iż-żewġ kwadri li semmejt fil-bidu. Inħoss, iżda, li l-ekwivoku li ħolqu l-intestaturi tal-kwadri hu tant assurd li ma jistax jitħalla jippersisti. Inkunu qed indaħħku n-nies bina jekk lit-turist li jżur il-Casa Rocca Piccola nuruh kwadru intestat 'L-Arċidjaknu Ubaldesco de Piro' u ngħidulu dwaru storja ta' kobor in-nobiltà ta' niesu li fosthom kien hemm minn tgħannaq ma' Napuljun, u wara lil dan l-istess turist neħduh iżur il-Mużew tal-Katidral t'Għawdex,

nuruh kwadru identiku intestat 'L-Arċipriet Saver Cassar' u nirrakkontaw dwaru storja differenti li tixhed il-kobor ta' proletarjat qalbieni li keċċa minn xtut il-gżira tiegħu s-suldati ta' l-eħrex armata ta' Napuljun.[11]

Is-sens ta' qima li għandi lejn l-Arċipriet Cassar ma jħallinix nibqa' sieket. Kien jixraqli tassew li jkollu ta' l-anqas kwadru l-Arċipriet Cassar. Għamel ħafna għall-pajjiżu u, minkejja li hu stess fi żmienu kien jippreferixxi kwadru tar-Re u tar-Reġina ta' Napli milli wieħed tiegħu,[12] nistqarr li niesna kienu verament xħaħ miegħu li sallum għamlu tant ftit biex ifakkruh u jagħtuh ġieħ.

Mhux sewwa, iżda, li l-kwadru tiegħu jkollu identità doppja, riklamat minn żewġ matriċi, qisu t-tarbija bibblika "mwellda" minn żewġ ommijiet. Għax, tħares lejhom fula maqsuma, trid tkun tassew Salamun biex tiddeċiedi ta' liema personalità hi tassew ix-xbiha ta' l-ekklesjastiku fil-kwadru.

*L-inizjativa tal-Baruni Nicholas de Piro*

Għamel sew, għalhekk, il-Baruni Nicholas de Piro li kiteb lill-isqof Cauchi u nsista li għandha ssir kjarifika.[13] Dnub li fit-tweġiba għall-ittra tiegħu ma ngħata l-ebda tagħrif li jwassal għal xi soluzzjoni. Ġie biss assigurat li l-ekklessjastiku ma setgħax ikun għajr l-Arċipriet Cassar għax is-salib li liebes setgħu jilbsuh biss il-kanonċi tal-Matriċi.

Minn dak iż-żmien il-kwestjoni ma raqditx. Il-Baruni De Piro ikkontesta din l-assigurazzjoni arbitrarja u stqarr li hi bla bażi. Sostna li l-kwadri huma tant identiċi li l-ekklessjastiku ma jistax ikun għajr l-antenat tiegħu l-Arċidjaknu Ubaldesco De Piro. Għal din ir-raġuni hu kien lest jissottometti il-kwadru tiegħu għal aktar stħarriġ xjentifiku.[14]

*L-inizjativa tal-Kapitlu*

Sadattant, fl-ambjenti parrokkjali Għawdxin beda s-soltu il-makkinarju ta' indottrinazzjoni biex il-massa tiġi 'edukata' li l-kwadru hu verament ir-ritratt ta' l-Arċipriet Cassar. Beda, għalhekk, il-logħob fuq l-emozzjoni u d-demagoġija minn 'nies ta' fama'. Fuq kull mezz ta' xandir (l-artal, il-pulptu, il-ġurnal, il-pubblikazzjonijiet parrokkjali, kommemorazjonijiet ċiviċi, eċċ) xterdet l-aħbar li l-Mons. Dun Dward Bondì kien irregala kwadru taż-żejt ta' l-Arċipriet Cassar lill-Kapitlu tal-Katidral.

Il-kwadru, għalhekk, minnufih tqiegħed għall-ammirazzjoni ta' dawk kollha interessati. Iddendel f'post prominenti fil-Mużew tal-Katidral bl-intestazzjoni "L-Arċipriet Saver Cassar". Imbagħad bdiet il-promuzzjoni tiegħu fil-ġurnali u f'pubblikazzjonijiet oħra. Ftit wara fil-Bażilika ta' San Ġorġ twaħħlet ukoll kopja ta' dal-kwadru bl-istess intestazzjoni taħtha. Aktar propaganda saret bid-diskorsi ta' l-istoriċi u t-tpaċpiċ tal-gwidi. U għal dawn l-aħħar għaxar snin il-pubbliċità għal dal-kwadru ma qatgħet qatt.

*Inizjativi oħra*

Fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-biċentenarju mil-miġja u l-qagħda tal-Franċiżi f'Malta dil-mewġa ta' pubbliċità laħqet il-quċċata tagħha. Fil-Katidral il-kwadru ġiet espost fuq il-presbiterju u mżejjen bil-fjuri. Fil-Librerija Pubblika saret kopja tiegħu bil-kulur mogħtija ġentilment mis-Segretarjat Parlamentari għal Għawdex. U fil-festi li mistennija jsiru 'l quddiem hemm maħsub altu-rilief tiegħu meħud mill-kwadru li se jitwaħħal mal-ħajt tal-Banca Giuratale. U ukoll, jekk li x-xnigħat li hawn jiġru huma minnhom, fin-Nadur u fil-Parroċċa ta' San Ġorġ hu mistenni li jsiru altu-riljevi simili.

Dawn kollha huma affarijiet siewja jekk il-kwadru hu tassew tal-Arċipriet Cassar. Wieħed, iżda, għandu juża ċerta kawtela.

Għalhekk, biex forsi wieħed jista' jasal japprezza aħjar dan il-kwadru (jew kwadri) u biex kull tagħrif storiku dwaru jitqies b'mod aktar xjentifiku, ikun f'waqtu jekk, qabel inkompli bl-istħarriġ, nagħtu daqqa t'għajn lejn min kienu u x'għamlu f'ħajjiethom l-Arċidjaknu Ubaldesco de Piro u l-Arċipriet Saver Cassar.

*L-Arċidjaknu Ubaldesco de Piro*

Ħjiel dwar it-tfulija ta' Ubaldesco de Piro jew il-familja tiegħu ftit li xejn stajt insib. La Charles A. Gauci[15] u lanqas John Montalto[16] ma jagħtu dwaru tagħrif biżżejjed fil-kotba tagħhom. Jingħad biss li l-familja de Piro kienet ġiet minn Rhodi mal-Kavallieri meta dawn tkeċċew fl-1522. Sa mitt sena wara l-familja de Piro baqgħet Malta qrib l-Ordni. Saret influenti ħafna meta Cosimo de Piro wara li mietitlu l-ewwel mara tiegħu, Gerolama de Mattina, iżżewweġ lil Galizia Solemi fil-15 ta' Jannar 1646.[17]

Mill-ewwel żwieġ Cosimo kellu erbat itfal waqt li mit-tieni kellu wieħed, Ubaldesco, magħruf ukoll bħala Lorenzo Ubaldesco. Dan tlaħħaq kmandant ta' Sant Jiermu[18] u wara maħtur uditur tal-Granmastru Adrien Wignacourt.[19] Iżżewweġ fil-25 ta' Jannar 1571 fil-



*L-Isqof Mons. Anton Grech Delicata de' Marchesi Testaferrata Cassia*

knisja ta' San Pawl Nawfragu l-Belt lil Cornelia Cauchi de Cristoforo, nobildonna daqsu għanja u influenti.[20] B'dan iż-żwieġ l-ġid li kellu tkattar tant li biex ma jiġix sparpaljat waqqaf primagenitura bit-titlu ta' Baronija ta' Budach.[21]

Wara l-mewt tal-mara tiegħu daħal fl-Ordni ta' San Ġwann u sar Kappillan Konventwali. Kienet, għalhekk, ħaġa minn awl id-dinja li l-kwadru bir-ritratt tiegħu ta' fundatur tal-Baronija ta' Budach jiġi mpenġi liebes l-abiti korali ta' Kappillan Konventwali ta' l-Ordni. Skond *Livre III Sommaire Des Privileges Octroyes a L'Ordre de Saint Jean de Hierusalem* il-Kappillani Konventwali kienu jilbsu: "Suttana sewda imberfla bl-aħmar. Spellizza bajda b'rukkett tal-bizzilla, u muzzetta magħluqa tas-suf bajda. Insinji: salib bi tmien ponot b'kuruna magħluqa fuqu."

Il-Kappillan Konventwali Fra Lorenzo Ubaldesco de Piro aktar tard inħatar kuġitur tal-Arċidjaknu tal-Katidral il-Kanonku Faustino Xara. Kif miet dan l-Arċidjaknu, iżda, il-post tiegħu ġie kkontestat mill-Kanonku Mangione. Fl-1706, wara għadd ta' litigazzjonijiet fil-qrati ta' Malta u ta' Ruma, Ubaldesco ġie konfermat Arċidjaknu u baqa' f'dik il-kariga sa meta miet fl-1723. Kellu 76 sena u ġie midfun fil-Katidral.[22]

Ismu f'Għawdex hu marbut mar-raba' ta' taħt ta' Għammar fejn kien hemm il-kappella tal-Madonna ta' Pinu. Ibnu Gio Pio, li kien ħa l-primaġenitura u sar l-ewwel Baruni ta' Budach u l-ewwel Markiż ta' Budach, kien iżżewweġ lil Anna Antonia bint Giovanni Gourgion, parruċċan tal-parroċċa ta' San Ġorġ u benefattur kbir tagħha. Minħabba f'hekk huwa wisq probabbli li xi wieħed mill-kwadri ta' missieru sab ruħu fid-dar tiegħu f'Għawdex.

*L-Arċipriet Saver Cassar*

Dwar l-Arċipriet Saver Cassar inkiteb ftit li xejn. U ngħid is-sewwa li kieku ma kienx għal xi ntietef tal-korrispondenza li kien bagħat lir-Re ta' Napli, la għandna fonti primarji u lanqas sekondarji fuqu. Almenu s'issa! George Scicluna biss kiteb fuqu bis-serjetà u li kieku ma kienx għall-istink tiegħu kieku għandu midfun fil-limbu tal-istorja. Insellimlu minn qalbi talli kien hu li mmortalizzah fir-rumanz storiku tiegħu *Il-Qassis li Rebaħ*. Ħaddieħor lill-Arċipriet Cassar pinġieh b'xempju tan-nipotiżmu[23] jew Kap-Kmandant pupu, qassis servili tar-Re ta' Napli, aspirant għall-post ta' isqof fi djoċesi li ried iwaqqaf għalih,[24] u filo-naplitan mwarrab mill-Ingliżi.

Minħabba f'dan it-taħwid ta' tagħrif bijografiku dwaru xi storiċi x'aktarx li tilfu l-interess fih u, għalhekk, mhux dejjem kienu koretti f'dak li kitbu fuqu. Achille Ferris, per eżempju, tista' tgħid kien superfiċjali fit-tagħrif tiegħu. Il-Kav. Joseph Borg jagħti aktar dettalji, imma, donnu lanqas hu m'hu tant ċert minn xi partikolaritajiet dwaru. Banda jgħid li twieled Għajsielem fid-29 ta' Diċembru 1746 u li missieru kien Mikiel u ommu Marija, imwielda Galea, u band' oħra jikkwota fonti differenti li juru li twieled ir-Rabat fil-21 ta' Lulju 1744 u li hu bin Marċell u Ġerolama nee Galea.[25]

Inħatar arċipriet fil-25 ta' Lulju 1773 ftit wara li qaddes meta kien għadu jistudja Ruma. Xi ħames xhur wara, fis-6 ta' Diċembru 1773 ingħata l-pussess tal-parroċċa bil-prokura permezz ta' Dun Beninju Tonna. Mexxa l-biċċa l-kbira ta' ħidmietu pastorali mill-parroċċa ta' San Ġorġ.[26]

Ismu huwa marbut ma' żewġ avvenimenti importanti: wieħed hu l-għoti tad-dekorazzjoni ta' salib pettorali u l-ieħor ma' l-inizjativa bikrija biex Għawdex isir Djoċesi għalih.

L-ewwel avveniment sar fl-1781. Dik is-sena, bit-tħabrik tal-kanonku Dun Ġorġ Mifsud J.U.D., li kien assessur tat-Tribunal tas-Sant Uffiċċju, il-kanonċi tal-Matriċi kisbu mingħand il-Papa Piju VI dekorazzjoni



*Silta mid-dokument tal-għoti tad-dekorazzjoni tas-salib pettorali lill-Kapitlu tal-Matriċi*

ta' salib pettorali. Dan is-salib kellu jkun bi tmien ponot u b'kuruna bħal dak tal-Kavallieri imma ta' daqs ikbar minnu u seta' jiddendel minn fettuċċja jew żagarella kaħla.[27]

It-tieni avveniment kien it-talba tiegħu lir-Re ta' Napli biex Għawdex isir Djoċesi. It-talba setgħet ma kienitx magħmulha lill-awtoritajiet kompetenti. Jidher, iżda, li Dun Saver kien jaf x'inhu jagħmel. Malta dik il-ħabta kienet f'salib it-toroq: il-Kavallieri kienu telqu, il-Franċiżi assedjati fil-Belt u bi prospettetti żgħar li setgħu xi darba jirpiljaw, waqt li l-Maltin megħjunin mill-Ingliżi, mill-Portugiżi, u min-Naplitani kellhom ir-riħ fil-qalgħa u kienu qed jistennew li jirbħu.

L-Għawdxin dak iż-żmien kellhom rajhom f'idejhom, kellhom il-kunsill tagħhom u setgħu jiddeċiedu d-destin tagħhom. Barra minn hekk Dun Saver, bħala politiku u mexxej, kien jaf li bit-tluq tal-Kavallieri Għawdex kien leġitimament tar-Re ta' Napli u għal din ir-raguni hu għamel it-talba lilu għat-twaqqif tad-Djoċesi Għawdxija lilu.

Dawn is-sentimenti latini tiegħu ma kienx jostorhom. Jidher mill-imġieba tiegħu mal-wasla tal-Franċiżi fil-gżira fl-1798. Ftit kienet ħeġġitu. U malli l-Għawdxin qamu kontra tagħhom fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru, l-Arċipriet ingħaqad mar-ribelljoni u sab ruħu fuq quddiem nett fil-ġlieda. L-Għawdxin, għalhekk, ħatruh Kap-Kmandant tal-forzi tagħhom.

Biex ma jħallix dmija tixtered fil-5 t'Ottubru l-Arċipriet Cassar ipprova jinnegozja armistizju mal-Franċiżi assedjati ġol-kastell. Widen, iżda, ma ngħatax.



*Disinn tas-salib pettorali meħud mid-dokument tal-għoti tiegħu*

Minflok, il-Franċiżi stennew sa ma waslu l-Ingliżi u ċedew lilhom.[28] U biex lill-Arċipriet Cassar ikomplu jkidduh kif il-Franċiżi niżżlu l-bandiera tagħhom mill-kastell l-Ingliżi flokha tellgħu l-White Ensign.[29]

Kif jidher mill-ittri li bagħat lir-Re ta' Napli, fil-ftehim ta' dan l-armistizju l-Arċipriet Cassar ma ġiex ikkonsultat, la mill-Franċiżi u lanqas mill-Ingliżi. Wieħed ma jiskantax, għalhekk, li kien lir-Re ta' Napli li kellu juri l-lealtà tiegħu u li fost affarijiet oħra jgħidlu: "*Io imploro a V.M.: Primo, il-ritratto Suo, e della regina, che il popolo desidera avere in segno del loro dominio assoluto di quest isola.*" U spiċċa l-ittra billi fakkru li "*E per me stesso in fine che mi riguarda col suo benigno occhio, avendo per fine tutto le mie operazioni la gloria sempre di V.M.e nell'attestarle la fedelità di questo popolo non cessero di pregare il-cielo per la conservazione e felicità di V.M. e di tutto il suo Regno.*"[30]

Minn dawn l-ittri tiegħu u mill-ġrajjiet li seħħew wara l-istudjużi ta' l-istorja bnew il-kwadru tal-personalità tiegħu. Kwadru mċajpar speċjalment minn storiċi anglofobi. Imkien s'issa ma nstab x'fatta kien jew x'dehra kellu dan l-Arċipriet. George Scicluna fir-rumanz tiegħu Il-Q*assis li Rebaħ* immaġinah bħala koloss, mexxej ta' dehen u għaqal li bħalu ma ntweriex f'dawk iż-żmenijiet imwiera.

L-Arċipriet Cassar kien ġie maħtur mill-Għawdxin bħala Kap tal-gvern t'Għawdex u Superintendent Ġenerali tal-Forżi fil-gżira fit-18 ta' Settembru 1798 u dam f'din il-kariga sad-19 t'Awwissu 1801.[31] Matul dan iż-żmien ħa ħsieb il-parroċċa Dun Viċenz Buhagiar li wara sar Kappillan ta' Ħal Luqa.32

*Analoġiji fil-personalitajiet*

Minħabba l-karigi tagħhom huwa meħtieġ li l-identità ta' l-ekklessjastiku fil-kwadru tkun magħrufa. Kif rajna, minkejja li bejniethom hemm distanza ta' mitt sena, fit-tnejn jeżistu analoġiji li jżidu flok ma jnaqqsu id-dubbji. Kienu jilbsu kważi l-istess stil ta' abiti korali, l-insinja tal-Kappillani Konventwali u d-dekorazzjoni tas-salib pettorali kellhom l-istess motif, waqt li l-manuskritt jista' jew kien kopja tal-Baronija ta' Budach u jista' kien kopja tad-digriet tas-salib pettorali.

Żgur, għalhekk, li jkun interessanti jekk fl-isfond ta' dawn l-analoġiji wieħed jara kif u mnejn oriġinaw il-kwadri stess.

*Provenjenza tal-kwadri*

Il-kwadru intestat "L-Arċidjaknu Ubaldesco de Piro" illum jinsab imdendel fis-sala l-kbira tal-Casa Roċċa Piccola tal-Belt Valletta. L-attwali sid ta' din id-dar, il-Baruni Nicholas de Piro, jgħid li fl-inventarju tiegħu numru 1752 Gio Pio de Piro, bin l-Arċidjaknu de Piro u l-ewwel Baruni ta' Budach, għandu mniżżel li kien hemm żewġ kwadri *del fu Sig. Arcidiacono di Piro*, wieħed kbir *nella camera vicino allo studio* u l-ieħor bi gwarniċ indurat *nella camera del ricevimento vicino alla sala*.[33] Huwa wisq probabbli li baqgħu jintirtu minn familja għall-oħra ta' nisel Ubaldesco de Piro. Il-kwadru li qiegħed fil-Casa Rocca Piccola sa l-ewwel nofs ta' dan is-seklu kien għand il-familja Wolsey de Piro Cowley. Minn għandhom kien ġie akkwistat mill-Baruni Nicholas de Piro flimkien ma' kwadri oħra ta' l-istess familja.[34]

Mill-banda l-oħra, il-kwadru intestat "L-Arċipriet Saver Cassar", illum fil-Mużew tal-Katidral t'Għawdex, sa l-1973 kien qiegħed fid-dar nru.11, Triq Palma, Rabat, Għawdex. Din id-dar kienet ir-residenza ta' Alfredo Bondì,[35] ħu Dun Gaetano, li miegħu kien hemm joqogħdu wkoll ħutu u nepputijiet oħra. Wara l-mewt tas-sinjorina Ester Bondì, l-aħħar nepputija ta' Dun Gejt, id-dar kienet ġiet mibjugħa, izda, dan il-

kwadru għadda f'idejn l-eredi tagħha fosthom Mons. Dun Dward Bondì. Bi ftehim ma' l-eredi l-oħra Mons Bondì għaddih bħala r-ritratt ta' l-Arċipriet Cassar lill-Kapitlu tal-Katidral fl-1973.

Kif dal-kwadru wasal għand il-familja Bondì huwa diffiċċli li wieħed jgħid. Seta' kien ġie akkwistat minn xi rkant jew mogħti b'rigal minn xi ħadd. Jekk hu tassew ir-ritratt ta' l-Arċipriet Cassar u dak li qal Mons.Bondì huwa minnu jista' jkun li kien xi darba parti minn wirt. Imma, wirt ta' min? Tal-familja ta' Cassar? U min kienu dawn ta' Cassar? X'relazzjoni kien hemm ma' ta' Bondì? U, jekk dan mhux il-kwadru ta' l-Arċipriet Cassar imma ta' l-Arċidjaknu de Piro? Kif seta' sab postu fid-dar ta' Dun Gejtan Bondì? Tassew misteru.

Sa nofs is-seklu dsatax il-familja de Piro kienet għandha attiva f'Għawdex. Waħda mill-aħħar membri tagħha kienet Francesca, bint il-Baruni Antonio de Piro u Teresa del Re. Ħuha kien l-imħallef Sir Giuseppe Maria de Piro.[36] Mietet xebba fl-1877 iżda jingħad li qabel mietet tat il-biċċa l-kbira tal-mobbli u l-kwadri tagħha lill-Isqof Mons Anton Grech Delicata de' Marchesi Testaferrata Cassia, biex jimmobilja l-palazz tiegħu.[37]

Ir-relazzjoni bejn il-familja Bondì u l-isqfijiet kienet aktarx intima. Fil-bidu tas-seklu Dun Salvatore Bondì kien wieħed mill-aktar saċerdoti attivi fil-ġżira Kien mhux biss fassal disinni arkitettoniċi għal diversi knejjes fost dik ta' San Ġorġ imma kien pijonier fl-industrija tal-bizzilla.[38] Fl-1864 kien il-Kan. Dun Gejtan Bondì li ħa l-pussess għan-nom ta' l-ewwel Isqof t'Għawdex, Mons. Mikiel Buttiġieġ. U kien ukoll dan l-istess Kan. Dun Gajtan li reġa' ħa l-pussess għan-nom ta' l-Isqof Mons. Anton Grech Delicata. Mingħandu, dan Dun Gejtanu Bondì, l-isqof kera il-palazz tiegħu li aktar tard fl-20 Awissu 1881 ġie mixtri mingħand Dr. Luigi Bondì għas-somma ta' 25000 skud.[39]

Huwa plawsibbli, għalhekk, li t-tieni kwadru ta' Ubaldisco de Piro imsemmi fl-inventarju ta' Gio Pio kien fost il-mobbli u l-kwadri li l-Isqof Grech Delicata kien ingħata minn Francesca de Piro biex jimmobilja l-Palazz.[40]

### *Ħaġa Stramba*

Hija ħaġa stramba, imma, li sa ma nbiegħet id-dar fejn kien fl-1973 b'dan ir-ritratt ta' l-Arċipriet Cassar l-ebda storiku Għawdxi ma kien jaf. La l-kittieba kontemporanji ta' Dun Gejtan Bondì, bħal Dun Ġużepp Farrugia tal-Vers, u Dun Alwiġ Vella, u lanqas oħrajn ta' żmienna, bħalma kienu l-biblijotekarju Dun Ġużepp Farrugia Gioioso, storiku u traduttur tal-"Gozo Illustrato" tal-Kan. Gian Piet Agius de Soldanis, il-ġurnalista Koli Apap li għal madwar 40 sena kien korrispondent regolari ta' *Il-Berqa*, il-Kav, Joseph Borg li kien midħla sewwa tal-kapitlu u forsi l-akbar kollezzjonista ta' ritratti ta' ekklesjastiċi Għawdxin magħrufa, u r-rumanzier George Scicluna li kien joqgħod erba' bibien biss 'il bogħod mis-sinjorina Ester.

Jien li kont nafu sew lil George u kont naf b'liema reqqa kien jagħmel l-istħarriġ tiegħu, ma għandix dubbju li kwadru bħal dan ma kienx jaħrablu. George kien dejjem għajnejh miftuħa biex jara x'isib fuq l-Arċipriet Cassar. Sa mar xahar sħiħ Napli jistħarreġ id-dokumenti dwaru fl-Archivio di Stato. Kif seta' ikun li kien jaf li hemm dokumenti dwaru erba' mitt mil 'il bogħod u ma ndunax li erba' passi biss 'il bogħod minn daru kien hemm kwadru tiegħu! Kieku tassew kien hemm tradizzjoni li jeżisti ritratt ta' l-Arċipriet Cassar kieku żgur kien jisma' bih.

### *Pretenzjonijiet tal-kontenduri*

Wara dan it-tagħrif fuq il-provenjenza tagħhom, il-ġrajja ta' dawn il-kwadri tiftaħ it-triq beraħ għaż-żewġ kontenduri. It-tnejn b'teżi partikolari għall-pretenzjoni tagħhom. Tal-Katidral jgħidu li fost il-provi li dak hu l-Arċipriet Saver Cassar hemm is-salib li liebes għax dak bi privileġġ speċjali kienu jistgħu jilbsuh biss il-kanonċi tal-Matriċi u t-tradizzjoni ta' xebba xiħa li, skond Dun Dward, dejjem kienet tisma' lil niesha jgħidu li dak kien l-Arċipriet Cassar.[41]

Il-Baruni de Piro isostni li l-ekklessjatiku fil-kwadru ma jistax ikun għajr l-antenat tiegħu l-Arċidjaknu Ubaldesco de Piro għax barra li liebes l-abiti korali ta' l-Arċidjaknu tal-Katidral ta' Malta liebes ukoll l-insinja tal-Kappillani Konventwali ta' l-Ordni. Il-Baruni hu tal-fehma li l-manuskritt f'idejh juri l-iskrittura tat-twaqqif tal-Baronija ta' Budach. Fuq kollox għandu l-provi li l-kwadru dejjem għadda minn familja għall-oħra ta' de Piro. Din l-istess insinja tidher ukoll fuq sider Vincenzo de Piro, li kien jiġi t-tifel tat-tifel ta' l-Arċidjaknu de Piro.[42]

### *Il-fiżonomija ta' l-ekklessjastiku fil-kwadru*

Biex forsi wieħed jasal għal xi konklussjoni jkun sewwa jekk niflu l-fiżonomija ta' l-ekklessjastiku fil-kwadru. Jidher mit-tikmix ta' wiċċu u mill-bjuda tax-xagħru li kien bniedem ta' madwar is-sebgħin sena.

Minnu li dan jista' ma jfisser xejn għax hawn min jixjieħ qabel żmienu. Mhix, imma, xi ħaġa normali. Għalhekk, jekk wiċċu jirriffletti żmienu, min seta' kien? L-Arċidjaknu de Piro li kellu 76 sena meta miet jew l-Arċipriet Cassar li ma kellux aktar minn 60 ?

Jibqa' l-kwestjoni tat-tradizzjoni tal-familja. Ma nixtieqx nelabora fit-tul. Fl-istorjografija moderna ftit għandha krittu t-tradizzjoni fost l-istudjużi l-aktar jekk jirriżulta li tkun bla bażi. Fl-imgħoddi kellna ħafna eżempji ta' tradizzjonijiet ekklessjastiċi. U kollha oriġinati bi skop. Insemmi t-tradizzjoni tal-matriċi jew tat-titlu ta' arċipriet. Fl-1533 kien il-kappillan Dun Nicolò Castelletti li twebbel bit-titlu ta' arċipriet. Fettaqha mal-Viċire ta' Sqallija li kien hemm tradizzjoni li l-kappillan kien jissejjaħ arċipriet.[43] U fuq din l-istess tradizzjoni rabat l-isqof Cagliares meta kkonferma dan l-istess titlu lil Dun Salv Pontremoli.[44] Insemmi ukoll it-tradizzjoni li Vitor Cassar kien midfun f'Santa Barbara u fuq din it-tradizzjoni aktarx saret il-lapida tiegħu li għadha teżisti sallum.[45] U tradizzjoni oħra! It-tradizzjoni tal-qassis ta' 80 sena, imsemmija minn Agius de Soldanis, li l-knisja matriċi qadima kienet mibnija fuq pedamenti ta' ġebel kbir. Fuq din Agius de Soldanis twebbel li l-knisja setgħet kienet tempju pagan mibdul minn San Pawl fi knisja nisranija.[45] U din it-tradizzjoni saret storja.

## *Eżami xjentifiku*

Eżami xjentifiku tal-kwadru jista' forsi jwassal għall-verità u għal xi konklużżjoni fil-kwestjoni. Bil-metodu radjukarboniku 14 it-tila taż-żewġ kwadri tista' tigi eżaminata sewwa u wieħed jista' jaqtagħha jekk l-kwadru jew il-kwadri kenux xogħol tas-seklu tmintax jew tas-seklu dsatax. Għandu mnejn xi ħadd jaħseb li qed nagħmlu plejtu fuq ix-xejn. Lanqas li l-kwadru kien is-Sindone ta' Torin! Għax, ngħiduha kif inhi, kemm hawn min jimpurtah jekk dak il-wiċċ mirqum fil-kwadru hux l-Arċidjaknu de Piro jew l-Arċipriet Cassar?

Dan huwa kollu minnu. Ngħidu x'ngħidu l-ġrajja ta' dawn iż-zewġ kwadri mhix sa tieqaf hawn. Żgur, iżda, mhix sa titħalla sejra qisu qed jingħad il-Vanġelu. Ma tistax tibqa' qisha kobba mħabbla jew xi kummidja ta' l-assurd. Jeħtieġ li tarf jinstab. Biex ma nitqarrqux. U biex ma jiġrix bħal fl-imgħoddi, it-tradizzjoni ssir leġġenda u l-leġġenda li tissawwar f'mit li lanqas l-istorja ma tasal biex tinfatam minnha.

Riferenzi:


1. Dan il-kwadru qiegħed fil-Mużew tal-Katidral t'Għawdex. Ara wkoll Bezzina, J., *Religion and Politics in a Crown Colony: TheGozo-Malta Story 1798-1864,* Malta 1985, 157.
2. Dan il-kwadru qiegħed fil-Casa Rocca Piccola, Valletta. Ara wkoll Montalto, J., *The Nobles of Malta 1530-1798*, Malta, 1979, 271.
3. l-[A]rkivju [P]rivat de [P]iro fil-fażi ta' organiżżazzjoni
4. [B]ibblijoteka [N]azzjonali ta' [M]alta, "Galleria Maltese", *libr. 1142.*
5. Viviani, L., *Storia di Malta*, vol.2, Torino, 1933, 215.
6. Montalto, J., *The Nobles of Malta 1530-1798*, Malta. 1979, *infra.*
7. Buhagiar, M., *The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900 Paintings*, Malta, 1981, 165-6.
8. Ciarlò, J., *The Hidden Gem,* Malta, 1993, 72
9. Vella, ibid, 254.
10. Bezzina, J., *Religion and Politics in a Crown Colony: The Gozo-Malta Story 1798-1864*, Malta 1983, 130
11. Tagħrif miġbur mingħand xi turisti u gwidi turisti.
12. [A]rchivio di [S]tato di [N]apoli, *Cassar Papers*, ara l-ittra ta' l-21 ta' Frar 1799
13. Dan it-tagħrif ġbartu mingħand il-Baruni Nicholas de Piro stess li fl-APP ghandu l-korrispondenza rilevanti.
14. *Ibid.*
15. Gauci, Ch., *The Genealogy and Heraldry of the Noble Families of Malta,* Malta 1991, *infra.*
16. Montalto, *ibid, infra.*
17. Gauci, *ibid.,* 254.
18. Ellul, M., *Fort St Elmo*, Malta 1988, *infra.*
19. Gauci, *ibid.,* 297-300
20. *ibid.*
21. Montalto, *ibid.,*
22. *ibid.*
23. Bezzina, *ibid*, 126n.179
24. Vella, *ibid.*, 240-3, 258.
25. Borg, J., "Il-Knisja t'Għawdex" manuskritt għall-istampa
26. Ferris, *ibid,*
27. Din id-dekorazzjoni ġiet mogħtija fuqtalba ta' l-Isqof Vicenzo Labini wara li ngħata il-permess mill-Granmastru de Rohan.
28. Testa, C., *The French in Malta,* Malta, 1997, 318-406
29. ASN, *ibid.*
30. *ibid.*
31. Testa, *ibid.*
32. Ferris, *ibid*
33. APP, *ibid.*
34. Tagħrif miġbur mingħand il-Baruni Nicholas de Piro.
35. Goverment Press, *[R]eġistru [El]ettorali 1932*, ara taqsima Rabat Għawdex Triq Palma.
36. Gauci, *ibid.*
37. Tagħrif miġbur mingħand il-Baruni Nicholas de Piro.
38. Mifsud Bonnici, R., *Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku Nazzjonali*, Malta1960, 38.
39. Borg, J., "Il-Knisja t'Għawdex" manuskritt għall-istampa.
40. Tagħrif mogħti mill-Baruni Nicholas de Piro.
41. Tagħrif miksub mingħand diversi persuni interessati fosthom is-sur Joe Scicluna li fl-1973 xtara d-dar tas-sinjorina Ester Bondì fi Triq Palma, Victoria, u li fiha kien hemm l-allegat kwadru ta' l-Arċipriet Cassar; u s-sur Ġorġ Borġ, il-Biblijotekarju tal-Librerija Pubblika t'Għawdex u li fuq l-inizjativa tiegħu saret il-wirja ta'dokumenti ta' żmien il-Franċiżi.
42. Dan ir-ritratt qiegħed fil-Casa Rocca Piccola, Valletta.
43. [M]użew tal-[K]atidral, [M]dina, *misc.* 55.
44. Agius de Soldanis, G.P., (trad. ta' Ġ. Farrugia), *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu,* vol.2, Malta, 1956, 3-8.
45. Samut-Tagliaferro, A., *The Coastal Fortifications of Gozo and Comino*, Malta, ara kapitlu fuq Vitorio Cassar.